**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 31 ta’ Ottubru, 2018

Rikors Numru: 371/11/1AL

**AB**

**vs.**

**CD noe**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ippreżentat fit-8 ta’ Frar 2017, illi permezz tiegħu, il-konvenuta nomine talbet sabiex it-talba tal-attriċi għas-separazzjoni, fil-proċeduri tal-firda personali, titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta’ divorzju, u dana ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Hija ssottomettiet illi l-kriterji rikjesti mill-Artikolu 66B tal-istess Kapitolu 16 huma lkoll sodisfatti stante li:

1. Il-partijiet ormai ilhom jgħixu ħajja separata *de facto* minn ma' xulxin għal iktar minn erba' snin;
2. Ma jeżisti l-ebda prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi illum iż-żewġ partijiet għandhom ħajja totalment separata minn ma' xulxin;
3. Ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet;

Rat illi l-intimata debitament notifikata bir-rikors odjern permezz tal-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[1], ma ppreżentat ebda risposta.

Rat illi l-liġi, permezz tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili, tagħti l-fakolta` lil kull parti f'kawża ta' separazzjoni, li f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju.

Rat illi r-rikors odjern jinkwadra sewwasew fl-ambitu tal-Artikolu appena ċċitat, u in vista li l-intimata ma ressqet ebda oġġezzjoni għall-istess rikors, ma hemm l-ebda raġuni fil-fatt jew fid-dritt il-għaliex il-Qorti m'għandhiex tilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Għaldaqstant u in vista tal-premess, il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors tagħha tat-8 ta' Frar 2017 sabiex it-talba għall-firda bejn il-partijiet titqies bħala talba għal pronunzjament ta' divorzju, ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

---

[1] Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili